MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Numru. 135/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Tonio Grixti**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 5 ta’ Frar, 2014 fil-konfront ta’ Tonio Grixti iben Mario u Yolanda nee’ Borg, imwieled Pieta’ nhar l-14 ta’ Dicembru, 1991, residenti 157, Flat 2, Triq il-Merkanti, Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 6592 (M).

L-imputat akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Frar, 2014 bejn is-siegha u nofs ta' filghodu u s-saghtejn ta' filghodu (01:30 a.m. – 02:00 a.m) f'dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Robert Normal Cauchi f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt u cioe' li jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Robert Normal Cauchi, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu (Art. 41(1)(a), 216 Kap. 9).
2. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fil-gisem ta' Robert Norman Cauchi skont kif iccertifikat Dr. Charmaine Cremona tal-Poliklinika tal-Mosta. (Art. 221(1) (2) Kap. 9).
3. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95 Kap 9).
4. Talli fl-dawn il-Gzejjer fl-istess data, waqt li kien qieghed gewwa l-Ghassa San Giljan volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' bieb tac-cella ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew l-Kummissarju tal-Pulizija u/jew entitajiet ohra liema hsara ma tiskorrix elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imam hu izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) (Art. 325(1)(c) Kap 9)
5. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338(dd) Kap 9).
6. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu (Art. 338(ff) Kap. 9).
7. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxen jew indicenti li jikkonsisti f'dagha. (Art. 338(bb) Kap. 9)
8. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, hin u cirkostanzi rrifjuta jaghti, ta' falz lil ufficjali pubblici jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra. (Art. 338(g) Kap 9).
9. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, hin u cirkostanzi ma obdix l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu ghamlu d-dmirijiet taghhom (Art. 338(ee) Kap 9).
10. U finalment talli rrenda ruhu recediv.

Rat l-atti u d-dokumenti ezibiti;

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Marzu 2014 l-imputat stqarr li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu inkondizzjonatament;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u wara li taghtu ftit taz-zmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat tieghu u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura minnha, l-imputat wiegeb li huwa inkondizzjonatament hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Peress li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tqis li dawn huma sodisfacentement pruvati. Ghalhekk, meta qieset kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-Qorti ma tistax hlief tiddikjarah hati f'dan il-kaz.

Il-Qorti ordnat li tixhed it-tabiba Charmaine Cremona sabiex tifhem sewwasew l-entita tal-feriti allegatament subiti minn Robert Norman Cauchi u dan sabiex tkun tista tikkalibra ahjar il-piena. Minn din ix-xiehda jirrizulta li l-griehi sofferti kienu zghar hafna u tghid li l-ferita kienet "id-daqs ta' ras ta' labra jigifieri puncher... il-ferita kienet vera superficjali u zghira u ma kellhiex bzonn ta' interventi partikolari". Din kienet tinstab fuq l-id ix-xellugija fuq in-naha ta' wara.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Semghet li l-partijiet qablu li f'dan il-kaz ma kienetx indikata li tinghata piena karcerarja u qablu wkoll li din il-Qorti tista tikkonsidra bhala piena adegwata l-liberazzjoni taht kondizzjoni li l-imputat ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin skont l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta maghquda ma ordni ta' hlas tad-danni kagunati mill-imputat taht l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre, semghet lill-imputat li, pubblikament u fil-Qorti bil-miftuh jiddikjara li kien qieghed jiskuza ruhu mal-ufficjali tal-Pulizija li kienu involuti fl-arrest tieghu meta nqala' l-incident u kif ukoll kien qieghed itenni li huwa jgib rispett lejn l-uniformi tal-Pulizija u li ma kienx sejjer jerga jirrepeti zbalji simili ghal dak li waslu biex jigi mixli quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti ordnat li jinstema' rapprezentant tad-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole ssabx jezamina c-cirkostanzi tal-imputat u jirrelata bil-fomm lil din il-Qorti dwar l-istat u l-

kundizzjoni tal-imputat qabel ma l-Qorti taghti s-sentenza kontra tieghu u f'dan is-sens semghet lil Ufficjal tal-Probation u Parole Matthew Fleri Soler.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi ghalkemm dan il-kaz gie prezentat bhala wiehed ta certa serjeta, u ghalkemm huwa minnu li l-konsegwenzi tal-azzjonijiet tal-imputat setghu kienu serji, fil-verita spiccaw biex ikkagunaw ferita t'importanza zghira fuq il-persuna ta' Robert Norman Cauchi, skont kif jirrizulta mic-certifikat tal-istess tabiba kuranti l-Cauchi, liema feriti sehhew fl-isfond ta' argument li qam fi stabbiliment tad-divertiment f'Paceville. Minhabba f'hekk din il-Qorti tista tifhem ghaliex kemm id-difiza kif ukoll il-prosekuzzjoni tennew li f'dan il-kaz, minkejja dawn l-imputazzjonijiet daqshekk serji, xorta wahda qablu li ma kellhiex tinghata piena karcerarja – anke fl-isfond tad-dikjarazzjoni ta' htija registrata mill-imputat matul it-tieni seduta fil-kaz tieghu. Din il-Qorti sejra tiehu dawn il-fatturi in konsiderazzjoni – izda mhix sejra tieqaf hemm.

Dan ghaliex din il-Qorti thoss li hemm fatturi ohrajn li huma aktar serji li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni, minkejja dak mistqarr mid-difiza u l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz. Qabel xejn jirrizulta li l-imputat huwa recidiv b'zewg reati li kienu jikkonsistu f'imgieba li toffendi l-pudur u l-morali pubblika, gesti oxxeni u kliem oxxen. Ghal dawn huwa kien immultat. Kien ukoll misjub hati ta' reati konnessi ma hsara volontarja kif ukoll li kien instab fis-sakra f'lok pubbliku. Ghal dawn ir-reati huwa kien imqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sitt xhur. Jidher li l-lezzjonijiet li kellu jitghallem ma tghallimhomx. Anzi, f'dan il-kaz hemm fatturi aktar serji li jinvolvu mhux biss li reggha kien fis-sakra f'post pubbliku, izda wkoll li qal kliem oxxen u indicenti, nonche li reggha kommetta hsara volontarja fuq proprjeta ta' terzi.

Aktar serju minn hekk huwa l-fatt li waqt li l-imputat dikjaratament kien fi stat ta sokor ("kont daqxejn" ara stqarrija a fol 11) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-Pulizija waqt li qed jaqdu s-servizz taghhom, irrifjuta li jaghtihom id-dettalji tieghu u ma obdiex l-ordnijiet legittimi taghhom. Anzi tant kien aggressiv li sahansitra qala l-bieb tac-cella mic-caccis (ara stqarrija a fol 11). Bid-dovut rispett dan huwa agir ta ghajb ghall-imputat u bl-ebda mod ma jista jigi kondonat minn dawn il-Qrati. Jekk skont kif tenna fl-istqarrija tieghu

l-imputat hass li kien arrestat innocentement jew intoratment, ir-rimedju li kellu ma kienx li jizvoga mal-Pulizija jew mal-bieb tac-cella, izda kellu jiehu rimedji bhan nies civili, li ma jkollhomx konsegwenzi kontrih bhal ma gara f'dan il-kaz.

F'dan l-isfond, din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet li f'dan il-kaz ghandha tigi maghmula ordni taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ma tqisx din il-piena bhala idoneja fic-cirkostanzi tal-kaz. Mill-banda l-ohra ma tqisx li jkun ta' gid ghas-socjeta li l-imputat jigi inkarcerat. L-imputat ghandu jrodd lura lis-socjeta dak ir-rispett li jixirqilha u l-piena li din il-Qorti thoss idoneja ghal dan il-kaz hija precizament wahda li tistrieh fuq dan.

**<u>Decide : -</u>**

Ghaldaqstant din il-Qorti fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu stess, qeghda ssib u tiddikjara lil Tonio Grixti, recidiv f'delitti, hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 95(1), 216(1)(a)(b)(d) maghqud mal-Artikolu 41(1)(a), 221(1)(2), 325(1)(c), 338(g)(bb)(dd)(ee)(ff) tal-Kodici Kriminali, peress li hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-socjeta u tal-imputat li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati jitqieghed taht ukoll ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-hati Tonio Grixti taht ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi : -

(a) tpoggi lill-hati Tonio Grixti taht Ordni ta' *Probation* ghal perjodu ta' tliet (3) snin millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-istess Tonio Grixti jitqieghed taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti illum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; u
(b) tqieghed lill-istess Tonio Grixti taht ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha f'dak il-post u b'dawk l-arrangamenti li jsiru

mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-ohra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Tonio Grixti bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jinghata sentenza ghar-reati li taghhom jinstab hati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' Tonio Grixti.

L-Ufficjal tal-*Probation* assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Tonio Grixti kull sitt (6) xhur.

A tenur ta' u wara li rat it-tielet proviso tal-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qeghda tikkundanna lil hati wkoll ghal multa ta' mija hamsa u sittin euro u ghoxrin centezmu (E165.20) ossija l-multa ekwivalenti ghall-hsara li tkun saret.

Inoltre sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Robert Norman Cauchi din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 412C u 382A tal-Kodici Kriminali tordna li jinhareg ordni ta' protezzjoni u trazzin kontra tal-imputat skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jigi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qeghda ssir ghal perjodu ta' tliet snin millum. Ghal kull buon fini l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi li huwa jkollu jaffaccja fil-kaz li huwa ma jottemperax ruhu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-ordnijiet hawn fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------